8 ta' April, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Joseph Valentino ne. *versus* Gio Andrea Vassallo et.

**Soċjetà — Assoċjazzjoni — Ditta — Eċċezzjoni Perentorja — Illeġittimità tal-Persuna — Rappreżentanza Ġudizzjali — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 133, 134 u 136 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ — Art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Meta diversi persuni huma assoċjati flimkien biex jeżerċitaw negozju taħt ċerta ditta, u ma jkunx jittratta minn sempliċi assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, allura bejn dawk il-persuni hemm soċjetà; u din is-soċjetà hija irregolari jekk ma tkunx saret bil-miktub u bil-pubblikazzjoni ta' estratti tagħha skond il-liġi.*

*Jekk f'każ simili jaġixxi wieħed minn dawk is-soċi għan-nom tad-ditta, il-konvenut jista' jagħti l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-attur; u din l-eċċezzjoni tista' tiġi sollevata fl-appell, avvolja ma tkunx ġiet sollevata fl-ewwel istanza; għax din hija eċċezzjoni perentorja, u mhux dilatorja.*

*U billi, sakemm ma tiġix imħarsa dik id-dispożizzjoni tal-liġi li tippreskrivi l-iskrittura u l-pubblikazzjoni tas-soċjetà is-soċi ma jistgħux jeżerċitaw kontra xulxin ebda azzjoni mnissla mis-soċjetà ta' bejnithom, u lanqas ebda azzjoni li s-soċjetà jista' jkollha jedd għaliha kontra t-terzi, ma jistgħax wieħed mis-soċi jeżerċita f'isem id-ditta azzjoni ta' kreditu tad-ditta soċjali; u f'dan is-sens l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-attur f'każ simili hija fondata, u l-konvenut għandu jiġi liberat "ab observantia".*

*Imma jekk din l-eċċezzjoni tiġi sollevata fl-appell, u ma tkunx ġiet sollevata fl-ewwel istanza, hemm lok għal temperament fil-kap tal-ispejjeż.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta li l-konvenut Gio Andrea Vassallo xtara minn għand id-ditta attriċi kwantità ta' travi bil-prezz ta' £55; u li meta huwa (l-attur) bagħat il-kont lill-istess kon-

venut, ġie avviċinat mill-konvenut l-ieħor, Geraldo Vassallo, li qallu li dawk it-travi kienu għan-negozju tagħhom it-tnejn, u mbgħad jaraħ huwa; u li sa issa ħadd mill-konvenuti ma jrid iħallas, għaliex qegħedin jippruvaw jeżoneraw ruħhom mill-ħlas ta' dan id-dejn; talab illi l-istess konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lilu fil-kwalità tiegħu premessa l-imsemmija somma ta' £55; bl-interessi kummerċjali mit-22 ta' Ottubru 1955 sal-pagament effettiv, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ġunju 1956;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Novembru 1956, li biha ddeċediet adeżivament għall-istanza in kwantu diretta kontra l-konvenut l-ieħor, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat, fol. 29, in-nota tal-appell tal-konvenut Geraldo Vassallo;

Rat, fol. 30, il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

F'din l-istanza ġiet sollevata preġudizzjali li, fil-petizzjoni u fid-dibattitu orali, id-difensur tal-appellant iddeżinja bħala li l-ġudizzju mhux integru, fis-sens li, peress li mal-attur Joseph Valentino hemm assoċjat anki Luigi Valentino, għalhekk iċ-ċitazzjoni kellha ssir f'isem dan ukoll;

Proprjament, din hi eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, fis-sens li l-attur Joseph Valentino, waħdu, ma hux awtorizzat jirrappreżenta d-ditta (art. 781 Kap. 15 Ediz. Riv.). Jirriżulta mill-provi li, għalkemm Joseph u Luigi Valentino huma soċi fid-ditta "Valentino Brothers", eppure, almenu sa meta inqalgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, ebda skrittura ma saret, u, s'intendi, lanqas kien hemm ebda publikazzjoni ta' estratt kif trid il-liġi (art. 133-134 Kap. 17) f'każ ta' soċjetà kummerċjali;

Ma jidherx li f'dan il-każ kien hemm sempliċi assoċjazzjoni in partiċipazzjoni (ara Kollez. Vol. XXXIII-I-609, 612); u għalhekk, peress li ma hemmx la skrittura u lanqas publikazzjonijiet, hemm soċjetà irregolari (Kollez. Vol. XXXVII-I-464, 468). L-eċċezzjoni preliminari fuq imsemmija setgħet tiġi sollevata f'dan l-istadju, avvolja ma ġietx sollevata fl-ewwel istanza, għaliex ma hix dilatorja, iżda perentorja (Kollez. Vol. XX-III-1);

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f'dil-kawża qiegħed jidher għad-ditta "Valentino Brothers", li hija soċjetà irregolari formata minnu u minn ħuħ, u qiegħed jeżerċita preċiżament azzjoni ta' kreditu ta' dik is-soċjetà, u m'hux azzjoni personali ta' kreditu kontra l-konvenut;

Illi l-art. 134 tal-Kodiċi Kummerċjali jippreskrivi li "estratt tal-att tas-soċjetà għandu jiġi eżibit fir-Reġistru tal-Qrati tal-Kummerċ mxandar b'avviż imwaħħal fil-Borża tal-Kummerċ u maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern u f'xi gazzetta oħra". Fil-każ tal-attur, minn dan kollu ma sar xejn; anzi lanqas kien hemm kitba;

Illi, skond l-art. 136(1) tal-istess Kodiċi, jekk u sakemm ma tiġix imħarsa d-dispożizzjoni tal-art. 134, is-soċji ma jistgħux jeżerċitaw kontra xulxin ebda azzjoni mnissla missoċjetà ta' bejniethom; lanqas ebda azzjoni li bis-saħħa tas-soċjetà jista' jkollhom jedd għaliha kontra t-terzi;

Illi, peress li l-azzjoni li qiegħed jeżerċita kontra l-konvenut, li huwa terza persuna, hija waħda li huwa jista' biss ikollu bis-saħħa tas-soċjetà, għax hija ta' kreditu tad-ditta soċjali, l-attur ma jistax jeżerċita dik l-azzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi huwa veru li din il-Qorti, fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 1871 in re "Paolo Vassallo et. vs. Felicissimo Penza", irriteniet li l-art. 43 tal-Ordinanza XIII tal-1857, li jikkorrispondi għall-art. 136 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, ma japplikax meta t-terzi jkunu kkuntrattaw b'konjizzjoni sħieħa li l-operazzjoni tal-kummerċ li saru magħhom saru akkont tas-soċjetà. Iżda din il-Qorti, kif inhi kostitwita, ma jidhirlhiex li hija aċċettabbli dik l-interpretazzjoni tal-liġi,

li fl-aħħar mill-aħħar ma jidherx li kienet ġiet segwita fil-ġurisprudenza sussegwenti. U tabilħaqq, dik l-interpretazzjoni tirrendi ta' ebda effett prattiku d-dispożizzjoni tal-liġi. Dik id-dispożizzjoni tal-liġi, speċjali tal-Kodiċi Tagħna, intiża għall-protezzjoni tal-kummerċ u tat-terzi, hija s-sanzjoni tal-obligu tal-publiċità impost fl-art. 134 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u hija diretta biss kontra l-kummerċjant soċju ta' soċjetà irregolari, bħal dik tal-attur, li ma jkunx qagħad għall-formalità li trid il-liġi; u dana tagħmlu sabiex iġġiegħel lis-soċju irregolari jobdi l-liġi. Dik id-dispożizzjoni hija kategorika, u ma tagħmel ebda distinzjoni ta' xjenza u injoranza da parti tat-terzi; u la l-liġi ma tiddistingwix, lanqas il-Qorti ma tista' tiddistingwi, kif jingħad fis-sentenza fuq imsemmija. Għall-protezzjoni tat-terzi fl-azzjonijiet tagħhom kontra s-soċjetà u s-soċju irregolari, il-liġi tipprovdi b'dispożizzjonijiet oħrajn;

Għaldaqstant, in vista ta' dak li ntqal, l-attur ma setgħax jeżerċita kontra l-konvenut appellant l-azzjoni ta' kreditu tad-ditta soċjali; u f'das-sens l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant għandha fondament tajjeb;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell tal-konvenut appellant, tirrevoka s-sentenza appellata, u fis-sens li ntqal fuq tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-konvenut; u għalhekk tillibera lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju. Iżda, peress li l-eċċezzjoni ġiet imqajma biss fl-istadju tal-appell, tordna li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru kontra l-konvenut appellant, u dawk tat-tieni istanza jibqgħu kontra l-attur appellat.